MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Avviz Numru. 24/2007

**Renato Camilleri**

**vs**

**Diane Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat id-29 ta’ Jannar tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi prevja dikjarazzjoni li l-intimata hi responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta’ Settembru tas-sena 2006, fi Triq is-Sajf ta’ San Martin, Rabat, limiti tal-Bahrija u li fih kienu nvoluti l-vetturi bin-

numri ta' registrazzjoni ZAH-023 misjuqa mill-intimata u dik bin-numru ta' registrazzjoni KAM-265 proprjeta` tar-rikorrenti u dan minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-intimata;

2. Illi thallas lir-rikorrenti d-danni kagunati lilu kif likwidati minn din il-qorti u liema danni jikkomprendu wkoll danni ghall-hsara fil-persuna imma ma jeccedux l-ammont ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0);

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mahruga kontra s-socjeta' assigurattiva tal-intimata prezentata kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimata, li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimata datata l-5 ta' Marzu tas-sena 2007, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent u dana stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tar-rikorrent innifsu, u minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni allegatament sofferti mir-rikorrent – inkluzi danni allegatament imgarrba fuq persuntu – huma kkontestati, u fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent ghandu jressaq kull prova necessarja f'dan ir-rigward;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz u bir-riserva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lill-intimata kontra r-rikorrent naxxenti mill-istess incident;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (19.30hrs) ta' l-20 ta' Settembru tas-sena 2006 sehh incident awtomobilistiku fi Triq is-Sajf ta' San Martin, ir-Rabat, limiti tal-Bahrija, li fih kienu nvoluti l-vettura KAM-265 misjuqa minn Renato Camilleri u l-vettura ZAH-023 misjuqa minn Diane Buttigieg;

2. Illi jirrizulta li t-triq in dizamina hi wahda li hi komposta minn zewg karreggjati li fihom jghaddi t-traffiku f'direzzjonijiet opposti ghal xulxin;

3. Illi l-karreggjati ta' l-istess triq jirrizultaw li huma separati permezz ta' strixxa ininterrotta ta' kulur abjad;

4. Illi r-rikorrent kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Bahrija lejn ir-Rabat u l-intimata kienet qed issuq fid-direzzjoni opposta;

5. Illi z-zewg konducenti jaffermaw li kienu qed isuqu b'velocita` ta' madwar tletin (30) jew hamsa u tletin (35) kilometru fis-siegha, (ara fol 18 u 90);

6. Illi meta z-zewg vetturi waslu fil-liwja li hemm fl-istess triq fuq indikata, filwaqt li t-tnejn jaffermaw li kienu fil-karreggjata rispettiva taghhom, sehh l-incident in dizamina;

7. Illi effettivament ir-rikorrent isostni li ra lill-intimata tissupera vettura ohra li kien hemm quddiemha fil-liwja indikata fil-paragrafu precedenti u li ghamlet dan b'velocita` qawwija, (ara fol 18);

8. Illi minn naha taghha l-intimata ssostni li waqt li kienet ghadha kompletament fil-karreggjata taghha rat lir-rikorrent gej minn naha opposta ghaliha u baqa' diehel fuqha;

9. Illi ma l-impatt, li jirrizulta li kien wiehed qawwi, iz-zewg konducenti kellhom bzonn ghajnuna medika, u l-karozzi sofrew hsarat ingenti tant li l-*isteering* tal-vettura tar-rikorrent tqaccat, u fil-fatt din spiccat "*total loss*", (ara fol 19), u dik ta' l-intimata ddawret, (ara fol 91);

10. Illi effettivament jirrizulta li l-intimata anke ntilfet minn sensiha;

11. Illi r-rikorrent qed jitlob is-somma komplessvia ta' elf sitt mija u sitt Liri Malti u sebgha u ghoxrin centezmu (LM1,606.27,0) bhala danni sofferti, (ara fol 19 u 20), liema danni huma kollha suffragati b'ricevuti jew dikjarazzjonijiet idonei;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tar-ritratti esebiti jirrizulta abbundantement assodat dak affermat mill-intimata fil-paragrafu 6 taghha a fol 91 li t-triq fejn sehh l-incident mhix kif indikata fl-iskizz investigattiv li ghalhekk mhux ta' min jistrieh fuqu;

Ikkunsidrat:

Ili mir-rizultati fattwali ta' dan l-incident, fejn jirrizulta li vettura minnhom spiccat meqjusa mill-esperti teknici bhala "*total loss*", il-velocita` li l-partijiet jallegaw li kienu qed jimxu biha hi allegazzjoni li din il-qorti ma tistax tistrieh fuqha b'serenita`;

Illi jigi wkoll osservat li z-zewg konducenti jallegaw li baqghu isuqu fil-karreggjata taghhom – allegazzjoni li kieku kienu veritjera, kieku dan l-incident lanqas biss sehh;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont ta’ l-inezattezzi gravi riskontrati din il-qorti ma thosshiex komda li tistrieh fuq il-verzjonijiet guramentati tal-partijiet involuti u ghalhekk m’ghandhiex alternattiva hliex li tistrieh – jekk possibbli – fuq ir-rizultanzi fattwali ta’ l-akkadut;

Illi ghaldaqstant tirrilleva:

1. Illi mir-rizultat ta’ l-impatt jirrizulta li l-velocita` tal-vetturi ma kinitx dik indikata mill-partijiet;

2. Illi krollat dan, ma tistax hlief tipprocedi *arbitrio buoni viri* fir-risoluzzjoni tal-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi kagun ta’ dan l-incident awtomobilistiku jirrizulta li z-zewg partijiet soffrew danni ingenti;

Illi dawn sottomessi mir-rikorrent jirrizultaw debitament certifikati b’dokumentazzjoni idonea;

Illi pero` hi l-fehema konsiderata ta’ din il-qorti li anke l-istess rikorrent ikkontribwixxa ghall-incident in dizamina bl-istess mod li kkontribwiet ghalih l-intimata;

Illi ghandu wkoll jinghad li bi ftit prudenza miz-zewg nahat, dan kollu kien ikun evitat;

Illi konsegwentement qed tirrespingi in parte t-talbiet tar-rikorrent u takkolji in parte r-risposta ta’ l-intimata, u ghaldaqstant, din il-qorti:

1. Tiddijkjara li r-rikorrenti Renato Camilleri u l-intimata Diane Buttigieg huma ugwalment responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-procedura;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent Camilleri fl-ammont ta’ elf sitt mija u sitt Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu, (LM1606.27,0);

3. Tikkundanna lill-intimata Diane Buttigieg biex thallas nofs dan l-ammont hekk likwidat, u cioe`, tminn mija u tlett Liri Maltin u tlettax-il centezmu, (LM803.13,0), ekwivalenti ghal elf tminn mija u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,870.79);

4. Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------